# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

# IMHALLEF

# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 13 ta' Novembru, 2000**

**Numru: 1**

**Fl-Atti tar-Rikors: 6/95 fl-ismijiet:**

**Konkors ta' Kredituri ta' Da Vinci Limited.**

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

Dawn il-proceduri saru in segwitu tal-bejgh li kiengie ordnat b'digriet tal-Qorti tal-Kummerc moghti fit-18 ta' April 1995 fuq talba ta' Mid-Med Bank plc illum HSBC Bank Malta plc, tal-lukanda maghruca bl-isem "Da Vinci Hotel", li ggib in-numru 48, Ball Street, Paceville, limiti

ta' San Giljan, kif suggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta' Lm25.24c9.

Illi in segwitu tal-bejgh bl-irkant li kien sar fil-5 ta' Gunju 1995, kienet saret cedola ta' depozitu numru 149/95 fis-27 ta' Gunju 1995 li bis-sahha taghha giet depozitata taht l-Awtorita' ta' din il-Qorti is-somma ta' tlett mija u hmistax-il elf lira (Lm315,000.00) mhallsa minn Joseph Camilleri ghan-nom tas-socjeta' Cool Operators Limited.

Fis-17 ta' Novembru 1995 Mid-Med Bank plc kienet ipprezentat rikors fejn talbet illi jinfethu l-proceduri tal-konkors ta' kredituri fil-konfront ta' Da Vinci Limited u dan wara li gie premess is-segwenti:-

Illi b'kuntratt tal-14 ta' Marzu 1191 fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Attard l-esponent ikkonceda lil Da Vinci Limited facilita' bankarja tat-tip "loan account" sa' massimu ta' Lm125,000 li minnhom l-ammont ta' Lm92,174.28,2 thallsu fuq il-kuntratt u ghaldaqstant is-socjeta' Da Vinci Limited ikkostitwiet ruhha vera, certa u likwida debitrici tal-esponenti ghall-ammont ta' Lm92,174.28.2 liema titolu gie rez ezekuttiv permezz ta' ittra ufficcjali datata 19 ta' Dicembru 1994;

Illi b'sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet "PL Adrian Borg noe vs Joseph Vassallo Gatt pro et noe" (Citazzjoni Numru 459/95 JSP) deciza fis-7 ta' April 1995 l-esponenti gie kanonizzat kreditur tal-intimat fis-segwenti somom:-

Lm48,150.86,1 oltre l-imghaxijiet legali bit-8% fis-sena mit-30 ta' Settembru 1994 sad-data tal-pagament effettiv;

Lm10,000 bl-imhgax legali bit-8% fis-sena mill-31 ta' Lulju 1991 sad-data tal-pagament effettiv;

Lm1,016.95 spejjez tal-kawzaskond l-annessa taxxa.

Illi b'sentenza ohra ta' din il-Qorti fl-ismijiet PL Adrian Borg nomine vs Joseph Vassallo Gatt pro et noe deciza fl-10 ta' Mejju 1995 (Citazzjonu Numru 629/95 GCD) l-esponent gie kanonizzat kreditur tal-intimat nomine fis-segwenti somom:

Lm27,803.41,3 bilanc mis-somma ta' Lm37,803.41,3 rapprezentanti imghax ta' 8% fis-sena fuq l-ammont ta' Lm125,664.94 mill-14 ta' Marzu 1991 sal-31 ta' Dicembru 1994 wara pagament b'surroga effettwat minn Cool Operators Limited b'att pubbliku fl-atti tan-Nutar Marco Burlo' tal-26 ta' Gunju 1995 ta' Lm10,000.

Lm8,373.07 rapprezentanti imghaxijiet legali bit-8% fis-sena fuq is-somma ta' Lm125,664.94 mill-1 ta' Jannar 1995 sal-31 ta' Ottubru 1995 oltre imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv;

Lm33,490.66 rapprezentanti bilanc tas-somma ta' Lm125,664.94 wara li tnaqqsu Lm92,174.28,7 koperti bl-ittra ufficcjali surreferita u

oltre l-imghaxijiet bit-8% fis-sena mill-1 ta' Jannar 1995 sad-data tal-pagament effettiv;

Lm3,567.61 rapprezentanti spejjez tal-kawza skond l-annessa taxxa;

Illi b'sentenza ohra ta' din il-Qorti fl-ismijiet "PL Adrian Borg nomine vs Joseph Vassallo Gatt pro et noe" (Citazzjoni Numru 61/95 AJM) deciza fit-28 ta' Gunju 1995 l-esponenti nomine gie kanonizzat kreditur tas-socjeta' intimata fis-somma ta' Lm18,500 oltre l-imghaxijiet legali mit-30 ta' Settembru 1994 sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjez tal-kawza li jammontaw ghal Lm799.92 skond l-annessa taxxa.

Illi l-esponent inkorra ukoll spejjez ta' Lm1,875.00 fil-prosegwiment tas-subbasta numru 1/95K fl-ismijiet "PL Adrian Borg noe vs Joseph Vassallo Gatt noe" skond it-taxxa prezentata mill-Arkitett Michael A. Refalo;

Illi ghaldaqstant l-esponent huwa kreditur tas-socjeta' Da Vinci Limited ghall-ammont ta' Lm245,751.76,6 oltre l-imghaxijiet legali;

Illi in esekuzzjoni tal-kreditu tieghu, l-esponenti ipproceda b'subbasta numru 1/95K fl-ismijiet Adrian Borg noe vs Joseph Vassallo Gatt nomine u wara l-bejgh tal-lukanda bl-isem ta' Hotel Da Vinci, 48, Ball Street, Paceville, giet depozitata s-somma ta' Lm315,000 u dan

permezz ta' cedola ta' depozitu numru 149/95 fl-ismijiet: "Registratur tal-Qorti vs PL Adrian Borg noe vs Joseph Vassallo Gatt noe."

Illi l-kreditu tal-esponent nomine jinsab insinwat permezz ta' Ipoteka Generali u Specjali Nurmu I 4552/91, I 4556/91, Ipoteka Generali u Specjali Numru I 5540/1991, Ipoteka Generali u Specjali Numru I 5251/1992 u I 5252/1992, Ipoteka Generali u Specjali Numru 11423/92 u Ipoteka Generali Giudizzjali Numri 12488/95 u 12489/95 u ghalehekk issottometta li ghandu jigi pregradwat qabel il-kredituri l-ohra;

Illi oppozizzjoni ghall-izbank tal-ammont iddepozitat saret minn Medairco Limited, id-Direttur tas-Sigurta' Socjali, Lohombus Bank Limited, Maltacom plc, Bank of Valletta plc, Muscat Construction Limited u Modern Bathrooms Limited;

Illi b'digriet ta' din il-Qorti tal-14 ta' Dicembru 1995 il-Qorti wara li rat l-artiklu 416 tal-Kap. 12 ordnat ir-Registratur biex jippubblika l-avvizi kontemplati fl-istess artiklu fil-Gazzetta tal-Gvern, f'The Times, In-Nazzjon u l-Orizzont u ordnat ukoll in-notifika tal-avviz lill-persuni ndikati fis-sub artiklu (4) tal-istess aritklu;

Illi in adempiment ma' dan id-digriet jidher illi dehru avvizi fil-Gazzetta tal-Gvern fit-2 ta' Frar 1996 (fol. 51A), l-Orizzont tal-31 ta' Jannar

1996 (fol. 57), In-Nazzjon tal-31 ta' Jannar 1996 (fol. 59) u The Times tal-1 ta' Frar 1996 (fol. 61).

Illi b'digriet moghti mill-Qorti fil-15 ta' Mejju 1998 l-esponent gie nominat bhala perit u wara li ha konjizzjoni tal-provi migbura quddiem il-Qorti u l-atti processwali, l-esponent jinsab f'pozizzjoni li jirrelata kif gej.

**<u>Ir-Rikorsi Ndividwali</u>**

F'dan il-konkors gew prezentati rikorsi mil-kredituri segwenti:-

Lohombus Bank Limited prezentat fis-16 ta' Frar 1996 li jinsab a fol. 98.

Mid-Med Bank Limited illum HSBC Bank Malta plc prezentat fid-29 ta' Jannar 1996 u li jinsab a fol. 52.

Muscat Construction Limited prezentat rikors fl-14 ta' Frar 1996 li jinsab a fol. 64.

Medairco Limited ipprezentat rikors fid-29 ta' Frar 1996 li jisab a fol. 77.

Bank of Valletta plcipprezentat rikors fil-11 ta' Marzu 1996 li jisab a fol. 159.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni ipprezenta rikors fis-6 ta' Marzu 1996 li jinsab a fol. 156.

L-Accountant General ipprezenta rikors fit-28 ta' Frar 1996 u li jinsab a fol. 118.

Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T.) ipprezenta rikors fit-28 ta' Frar 1996 u li jinsab a fol. 119.

Maltacom plc ipprezentat rikors fis-26 ta' Frar 1996 u jinsab a fol. 109.

Id-Direttur tas-Sigurta' Socjali pprezenta rikors fl-14 ta' Frar 1996 li jinsab a fol. 96.

Stivala Wines & Spirits Limited ipprezenta rikors fil-15 ta' Frar 1996 li jinsab a fol. 166.

Stivala Distributors Limited ipprezentat rikors fl-14 ta' Frar li jinsab a fol. 88.

Blue Sky Furniture Limited ipprezentat rikors fl-14 ta' Frar 1996 li

jinsab a fol. 68.

Francis Busuttil & Sons Limited ipprezentaw rikors fit-23 ta' Frar 1996 li jinsab a fol. 108.

Attard & Co. Limited ipprezentaw rikors fis-7 ta' Frar 1996 li jinsab a fol. 63.

L-Arkitett Anthony Cassar ipprezenta rikors fid-29 ta' Frar 1996 a fol. 135.

Richard Muscat ipprezenta rikors fid-29 ta' Frar 1996 li jinsab a fol. 120.

Melanie Drury ipprezentat rikors fid-29 ta' Frar 1996 li jinsab a fol. 121.

Joseph Vassallo Gatt ipprezenta rikors fid-29 a' Frar 1996 li jinsab a fol. 122.

Petronella Sant ipprezentat rikors fid-29 ta' Frar 1996 li jinsab a fol. 123.

Tessie Cini ipprezentat rikors fid-29 ta' Frar 1996 li jinsab a fol. 124.

Monica Mockipprezentat rikors fid-29 ta' Frar 1996 u li jinsab a fol. 125.

Stefan Sacco ipprezenta rikors fid-29 ta' Frar 1996 u li jinsab a fol. 126.

Carl Portelli ipprezenta rikors fid-29 ta' Frar 1996 li jinsab a fol. 127.

Anton Camilleri pprezenta rikors fid-29 ta' Frar 1996 li jinsab a fol. 128.

Anthony Said ipprezenta rikors fid-29 ta' Frar 1996 li jinsab a fol. 129.

Paul u Maria Cilia pprezentaw rikors fil-31 ta' Dicembru 1996 li jinsab a fol. 178.

**<u>Verifika tal-Krediti</u>**

L-esponent sejjer f'dan l-istadju jikkunsidra l-bazi ta' kull rikors prezentat mill-kredituri in kwistjoni u janalizza l-provi li ngabu in sostenn tat-talbiet rispettivi ghaliex fl-ewwel lok irid jigi determinat jekk il-krediti pretizi humiex validi u ammissibbli f'dan il-konkors qabel ma mbaghad tigi determinata l-gradwazzjoni tal-krediti.

L-esponent sejjer ghalhekk jghaddi biex jikkunsidra d-diversi krediti

skond l-ordni li gew elenkati aktar qabel.

**Ir-Rikors ta' Lohombus Bank Limited**

Illi bis-sahha ta' rikors taghhom Lohombus Bank Limited jippremettu dan li gej:-

Illi b'kuntratt tas-16 ta' Mejju 1989 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard, Da Vinci Limited kienet hadet b'self is-somma ta' tletin elf lira (lm30,000) in kwantu ghall-ammont ta' Lm20,134.00 biex ihallas lil "trade creditors" u l-ammont ta' Lm9,866.00 biex ihallas lil Francis Pace u Joseph Aquilina prevja s-surroga ta' drittijiet.

Illi bhala kawza ta' preferenza registrat fir-Registru Pubbliku numru I 8570/89 giet iskritta ipoteka generali u ipoteka specjali fuq ir-restaurant li jgib l-isem "Da Vinci" u flats numri tlieta (3), erbgha (4) u hamsa (5) kif jirrizulta ahjar mic-certifikat mahrug mir-Registru Pubbliku datat 1 ta' Gunju 1989 oltre l-imsemmi surroga ghal privilegg specjali numru I 3454/88.

Illi z-zewg ipoteki antecedenti dik tal-Lohombus u cioe' dawk I 5998/88 u I 5999/88 gew posposti favur il-Lohombus b'nota li ggib ir-riferenza 2125/89.

Illi f'din is-sitwazzjoni fis-7 ta' Lulju 1995 kienet giet prezentata fl-atti

tac-cedola numru 149/95 rikors ghall-zbank pero' kien hemm bzonn tal-prezenti procedura;

Illi sa' llum l-esponent huwa kreditur fis-somma ta' Lm36,219.52 rizultanti mill-istess kuntratt anness bhala Dok. A;

Ghaldaqstant Lohombus Bank Limited talbu illi jigu awtorizzati jizbankaw is-somma pretiza ta' Lm36,219.52 bl-imghaxijiet mic-cedola fuq imsemmija.

Illi mar-rikors in kwistjoni gie esebit kopja tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Attard tas-16 ta' Mejju 1989, (fol. 99) u kopja ufficcjali tal-iskrizzjoni ipotekarja favur l-istess kreditur numru I 8570/89 (fol. 106).

Illi permezz ta' nota prezentata fid-29 ta' April 1996 a fol. 175 gietipprezentata kopja ufficcjali tal-ipoteka I 3454/1988 u riferenza numru R 2122/89.

Illi permezz ta' nota ohra prezentata fl-1 ta' April 1997, giet esebita kopja legali tal-ittra ufficcjali tal-15 ta' April 1996 li giet debitament notifikata li bis-sahha taghha Lohombus Bank Limited interpellaw lil inter alia Da Vinci Limited sabiex ihallsu s-somma ta' Lm36,704.11,00 u permezz ta' liema att giudizzjarju irrendew l-kuntratt hawn fuq imsemmi fl-atti tan-Nutar Pierre Attard tas-16 ta'

Mejju 1989 bhala titolu ezekuttiv a tenur tal-artiklu 253 (b) tal-Kap. 12.

Illi matul is-seduta tat-23 ta' Frar 1998 (fol. 335) xehed l-Avukat Dottor Ethelbert Fenech Adami li kkonferma illi l-kreditu pretiz issa kien jammonta ghal Lm43,202.65 skond prospett esebit a fol. 336 u cjoe' Lm41,964.09 u accrued interest ta' Lm1,238.56.

Illi fid-dawl tal-premess ghandu jirrizulta bic-car illi l-kreditu reklamat minn Lohombus Bank Limited huwa llum titolu ezekuttiv bis-sahha tal-ittra ufficcjali li giet prezentata u din flimkien mal-provi l-ohra prodotti li ma gew b'ebda mod kuntrastati ma jhallu ebda dubbju li l-kreditu kif pretiz huwa dovut u kwindi gustifikat u ammissibbli f'dawn il-proceduri.

**<u>Ir-Rikors ta' HSBC Bank Malta plc</u>**

Illi fir-rikors prezentat fid-29 ta' Jannar 1996, (fol. 52) dan il-kreditur ippremetta illi l-kreditu tieghu jammonta ghal Lm245,751.76,6 oltre imghaxijiet ulterjuri u liema kreditu jirrizulta mill-istess sentenzi u atti gja elenkati fir-rikors originali taghhom fejn talbu l-ftuh tal-konkors u liema sentenzi jinsabu rapportati aktar qabel f'din ir-relazzjoni.

Illi gie premess ukoll illi dan il-kreditu gie kawtelat u insinwat permezz tas-segwenti:-

Ipoteka Generali u Specjali numru I 4552/91 u I 4556/91, Ipoteka Generali u Specjali numru I 5540/91, Ipoteka Generali u Specjali numri I 5251/92 u I 5252/92, Ipoteka Generali u Specjali numru I 1423/92 u Ipoteka Generali Gudizzjali numru 12488/95 I 12489/95.

Illi ghal dak li jirrigwarda provi, gew esebiti s-segwenti dokumenti u cjoe':-

i. Kopja tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Attard datat 14 ta' Marzu 1991 li permezz tieghu Da Vinci Limited inghatat facilita' bankarja fis-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin elf lira (Lm125,000) (fol. 4);

ii. Kopja legali ta' ittra ufficcjali prezentata fid-19 ta' Dicembru 1994 li giet debitament notifikata lil inter alia Da Vinci Limited li permezz taghha l-kuntratt hawn fuq imsemmi gie rez titolu ezekuttiv skond il-ligi (fol. 14) u li permezz taghha l-Bank kreditur talab il-hlas ta' mija u hamsa u ghoxrin elf lira (Lm125,000) salv l-imghaxijiet dovuti li rriserva li jitlob permezz ta' citazzjoni.

iii. Kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet "PL Adrian Borg noe vs Joseph Vassallo Gatt pro et noe" (Citazzjoni numru 459/95 JSP) deciza fis-7 ta' April 1995 li biha l-Bank kreditur gie kanonizzat kreditur tal-intimat fis-segwenti somom:-

Lm48,150.86,1 oltre l-imghaxijiet legali bit-8% fis-sena mit-30 ta' Settembru 1994 sad-data tal-pagament effettiv, dovuti in segwitu ta' facilitajiet ta' overdraft koncessi lis-socjeta' intimata in forza ta' zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Pierre Attard tal-14 ta' Marzu 1991 u 18 ta' Marzu 1992;

Lm10,000 bl-imghax legali bit-8% fis-sena mill-31 ta' Lulju 1991 sad-data tal-pagament effettiv;

iv. Taxxa tal-ispejjez mahruga mir-Registratur tal-Qrati Superjuri li biha jidher illi l-ispejjez intaxxati tal-kawza deciza fis-7 ta' April 1995 fil-kawza "Adrian Borg noe vs Joseph Vassallo Gatt et noe" kienu jammontaw ghal Lm1,016.95 (fol. 22).

v. Sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-ismijiet "PL Adrian Borg nomine vs Joseph Vassallo Gatt pro et noe" deciza fl-10 ta' Mejju 1995 (Citazzjoni Numru 629/95 GCD) fejn l-istess Bank kreditur gie kanonizzat kreditur tal-intimat nomine fis-segwenti somom:

Lm37,803.41,3 rapprezentanti imghax ta' 8% fis-sena fuq l-ammont ta' Lm125,664.94 mill-14 ta' Marzu 1991 sal-31 ta' Dicembru 1994. Minn dan l-ammont sar pagament b'surroga effettwat minn Cool Operators Limited b'att pubbliku fl-atti tan-

Nutar Marco Burlo' tal-26 ta' Gunju 1995 a' Lm10,000 b'dan li l-ammont pretiz f'dan ir-rigward huwa ta' Lm27,803.41,3.

Lm8,373.07 rapprezentanti imghaxijiet legali bit-8% fis-sena fuq is-somma ta' Lm125,664.94 mill-1 ta' Jannar 1995 sal-31 ta' Ottubru 1995 oltre imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv;

Lm33,490.66 rapprezentanti bilanc tas-somma ta' Lm125,664.94 wara li tnaqqsu Lm92,174.28,7 koperti bl-ittra ufficcjali surreferita u oltre l-imghaxijiet bit-8% fis-sena mill-1 ta' Jannar 1995 sad-data tal-pagament effettiv;

Lm3,567.61 rapprezentanti spejjez tal-kawza skond l-annessa taxxa; (fol.30)

vi. Kopja tas-sentenza ta'din il-Qorti fl-ismijiet Pl Adrian Borg nomine vs Joseph Vassallo Gatt pro et noe (Citazzjoni Numru 61/95 AJM) deciza fit-28 ta' Gunju 1995 (fol. 32) li biha l-Bank kreditur gie kanonizzat kreditur tas-socjeta' intimata fis-somma ta' Lm18,500 oltre l-imghaxijiet legali mit-30 ta' Settembru 1994 sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjez tal-kawza li jammontaw ghal Lm799.92 skond l-annessa taxxa esebita a fol. 35

vii. Illi hemm reklam ukoll tas-somma ta' Lm1,875.00 li huma spejjez inkorsi fil-prosegwiment tas-subbasta numru 1/95K fl-ismijiet "PL Adrian Borg noe vs Joseph vassallo Gatt noe" skond it-taxxa prezentata mill-Arkitett Michael A. Refalo kif jidher mill-kont relattiv esebit a fol. 36;

viii. Kopji tal-iskrizzjonijiet ipotekarji I 4552/1991 (fol. 39); 4556/1991 (fol. 41); Nota ta' Riferenzi a fol. 43; I 5540/1991 a fol. 44; I 5251/1992 a fol. 46; I 5252/1992 a fol. 47; I 11423/1992 a fol. 48; 12488/1995 a fol. 49; I 12489/1995 a fol. 50.

ix. Illi b'nota prezentata fit-3 ta' Ottubru 1997 (fol. 247) gie esebit prospett li jindika illi sat-3 ta' Ottubru 1997 l-ammont pretiz inkluz l-imghax dovut u kalkolat sal-istess data kien jammonta ghal Lm334,382.69,6.

Illi in oltre fis-seduta tal-14 ta' Jannar 1998 xehed bil-gurament il-Prokuratur Legali Adrian Borg fejn ikkonferma bil-gurament illi l-kreditu tal-Bank sad-data tat-3 ta' Ottubru 1997 kien jammonta ghas-somma ta' Lm334,382.69,6.

Illi fid-dawl tas-suespost l-esponent huwa sodisfatt illi l-provi migjuba jissostanzjaw il-kreditu pretiz u kwindi jidher gustifikat il-kreditu reklamat minn HSBC Bank Malta plc gja maghruf Mid-Med Bank plc fis-somma ta' Lm334,382.69,6 ghandu jigi ammess billi huwa dovut.

**Ir-Rikors ta' Muscat Constructions Limited**

Illi fir-rikors prezentat minn Muscat Constructions Limited fl-14 ta' Frar 1996 (fol. 64) gie premess illi huma kredituri ipotekarji tas-socjeta' Da Vinci Limited u dan skond kuntratt tad-29 ta' April 1992 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard li jikkostitwixxi titolu ezekuttiv; is-somma dovuta hija ta' Lm10,508 bhala bilanc mill-ammont indikat fil-kuntratt ta' Lm16,583.00 oltre l-imghax legali ammontanti ghal Lm3,066.27 dovuti sad-data li gie intavolat ir-rikors. Illi di piu gie premess illi l-kuntratt imsemmi gie rez titolu ezekuttiv permezz ta' ittra ufficcjali tas-27 ta' Lulju 1993.

Illi matul is-seduta tal-14 ta' Jannar 1998 xehed bil-gurament Carmelo Muscat ghas-socjeta' kreditrici fejn ikkonferma li kien sar kuntratt mas-socjeta' intimata rigwardanti xoghol ta' bini li kiensar. Huwa ikkonferma l-bilanc dovut u l-interessi maturati.

Illi b'nota li giet prezentata fis-16 ta' Jannar 1998 (fol. 288) gew esebiti fl-atti kopja legali tal-kuntratt imsemmi fejn jinghad espressament illi s-socjeta' Da Vinci Limited qeghda tikkostitwixxi ruhha debitrici certa u likwida ta' Muscat Constructions Limited u dan relattivament ghal "work and material that was provided by the Creditor for the debtor in the hereunder described Hotel".

Gew esebiti ukoll kopja tal-iskrizzjoni ipotekarja 8009/1992 iskritta fit-8 ta' Mejju 1992 li biha giet iskritta ipoteka generali u ipoteka specjali fuq il-fond 48, Hotel Da Vinci, Ball Street, Paceville u Nota ta' Riferenza 3279/1992 prezentata fis-26 ta' Gunju 1992 li biha Muscat Construction Limited ipposponiet id-drittijiet ipotekarji taghha favur Mid-Med Bank Limited u dan relattivament ghad-drittijiet ipotekarji naxxenti mill-iskrizzjoni numru 11423/1992 (fol.293) u Nota ta' Riferenza ohra numru 3520/1992 prezentata fit-8 ta' Lulju 1992 li permezz taghha Muscat Constructions Limited ipposponiet id-drittijiet taghha favur Mid-Med Bank Limited limitatament ghad-drittijiet naxxenti mill-iskrizzjoni ipotekarja numru I 11,775/1992 (fol. 294).

Fl-ahharnett gie esebit ukoll prospett dettaljat a fol. 295 li juri l-pagament akkont u l-komputazzjoni tal-interessi.

Illi fid-dawl tal-provi mressqa u fin-nuqqas ta' xi kontestazzjoni, l-esponent jikkonkludi illi dan il-kreditu ta' Lm10,508.36 bhala bilanc, oltre interessi ta' Lm3,066.27 dovuti sad-data li gie prezentat ir-rikors relattiv u imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv huwa dovut u gustifikat u ghaldaqstant ghandu jigi ammess f'dawn il-proceduri.

**<u>Ir-rikors ta' Medairco Limited</u>**

Illi skond ir-rikors li gie prezentat minn Medairco Limited fid-29 ta' Frar 1996, gie premess illi din is-socjeta' hija kreditur fis-somma ta' Lm54,449.21,2 rapprezentanti sorte, imghax u spejjez u dan in virtu tas-segwenti sentenzi u cjoe' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet "Charles Gatt nomine vs Joseph Vassallo Gatt nomine" deciza fil-15 ta' Novembru 1993 (Citaz. Numru 621/93 JDC) u iskritta fir-Registru Pubbliku skond Ipoteka gudizzjali numru 19260 u dan fl-ammonti ta' Lm13,193.83 bhala sorte, Lm1878.45 imghax u Lm656.45 spejjez.

Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet "Charles Gatt nomine vs Joseph Vassallo Gatt nomine" (Citaz. Nru. 1299/93 JDC) deciza fil-15 ta' Novembru 1993 u iskritta fir-Registru Pubbliku, Ipoteka Numru 19261 u dan fl-ammonti ta' Lm13,132.69 bhala sorte, Lm2,440.19 imghax u Lm655.11,6 spejjez.

Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet "John Peel nomine vs Joseph Vassallo Gatt nomine" (Citaz. Numru 468/94 JF) fil-11 ta' April 1994 u iskritta fir-Registru Pubbliku skond Ipoteka Numru 19262 u dan fl-ammonti ta' Lm5,739.41 sorte , Lm942.75 imghax u Lm234.61 spejjez.

Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fl-ismijet "John Peel nomine vs Joseph Vassallo Gatt nomine" (Citaz. Numru 183/95 FGC) fit-2 ta' Mejju 1995 u dan relattivament ghall-ammonti ta' Lm14,681.89 bhala sorte, Lm2,252., 38 imghax u Lm837.44 spejjez.

Illi a fol. 132 sa 134 jinsabu kopji informi ta' tlett ipoteki.

Illi ma ghandu jkun ebda dubbju illi s-sentenzi li ottjena dan il-kreditur jikkostitwixxu titoli ezekuttivi u li ghalhekk dan il-kreditu ghandu jigi formalment  ammessi f'dawn il-proceduri.

**<u>Ir-Rikors ta' Bank of Valletta plc</u>**

Illi fir-rikors prezentat fil- ta' Marzu 1996, Bank of Valletta plc ippremettiet illi hija kreditur ta' Da Vinci Limited fis-somma ta' Lm37,198.00 salv imghax mill-1 ta' April 1995.

Illi in sostenn ta' dan il-kreditu giet prezentata nota a fol. gew esebiti s-segwenti dokumenti u cjoe':

Prospett tal-bilanc dovut (Dok. BOV 10 sa Bov 19).

Kopja legali tas-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Prim Awla fil-kawza deciza fis-27 ta' Novembru 1995 fl-ismijiet "Paul Gambina nomine vs Joseph Vassallo Gatt nomine et" (Dok. BOV 20 a fol. 242).

Kopja ufficjali tal-iskrizzjoni ipotekarja numru 11775/1992 iskritta fir-Registru Pubbliku fl-1 ta' Lulju 1992 (fol. 246).

Illi b'nota ohra li giet prezentata fit-23 ta' Frar 1998 a fol. 337, giet esebita taxxa tal-ispejjez gudizzjarji inkorsi in konnessjoni mal-proceduri hawn fuq imsemmija fis-somma ta' Lm733.49.

In oltre dan xehed Norman Rossignaud fis-seduta tal-20 ta' Jannar 1997 (fol. 189) fejn ikkonferma illi l-bilanc li lahaq akkumula sa dak inhar tela' ghal Lm42,052.00. Ghandu jinghad ukoll illi mill-prospetti esebiti li jaghtu l-istampa sat-23 ta' Gunju 1997, l-ammont bl-imghax dovut kien jammonta ghal Lm42,692.51 salvi naturalment imghaxijiet ulterjuri.

Illi l-esponenti jikkonkludi illi l-kreditu dovut lill-Bank of Valletta plc jammonta ghal Lm42,692.51 salvi imghaxijiet ulterjuri fuq il-kapital ossia bilanc dovut mill-Overdraft Account, liema kreditu ghandu jigi ammess f'dawn il-proceduri.

**<u>Ir-Rikors ta' l-Kummissarju tat-Taxxi Interni</u>**

Illi bir-rikors prezentat fis-6 ta' Marzu 1996, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ippremetta illi huwa kreditur tas-socjeta' Da Vinci Limited tas-segwenti u cjoe':-

Somma ta' Lm2,986.00 dovuta kwantu ghal Lm2,721.00 bhal "P.A.Y.E." u kwantu ghal LM265 bhala Taxxa Addizzjonali fuq l-istess u dan ghall-perjodu minn Jannar 1994 sa Dicembru 1995.

Illi gie premess ukoll illi dan il-kreditu huwa privileggjat skond l-artiklu 23 (8) tal-Att ta' 1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u huwa kopert ukoll b'titolu ezekuttiv fit-termini tal-artiklu 40 (1) (b) tal-istess att.

Illi fit-tieni lok l-Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa jippretendi hlas ta' Lm5,200.00 bhala bilanc ta' "Income Tax" dovut ghas-snin ta' stima 1989, 1990 u 1991.

Illi in sostenn ta' dan il-kreditu xehed Emanuel Gatt fl-20 ta' Jannar 1997 (fol. 196) li kkonferma l-krediti pretiz kienu dovuti u esebixxa l-assessments tat-taxxa relattiva. Ghal dak li jirrigwarda l-ammont ta' P.A.Y.E. huwa xehed illi l-ammont ta' Lm2,721 kien dovut ghas-snin Jannar 1994 sa Dicembru 1995 u taxxa addizzjonali ta' Lm265 li jgib total ta' Lm2,986. Fis-seduta tat-23 ta' Frar 1998 l-istess xhud qal illi

wara li sar indagni t-taxxa tal-P.A.Y.E. dovuta ghas-sena 1994, Jannar sa Dicembru hija ta' Lm954, ghas sena 1995 minn Jannar sa Mejju hija Lm 211 li jigu Lm1,165 u Taxxa Addizzjonali Lm116, b'kollox ghalhekk Lm1,281. Dan l-ammont ridott gie konfermat minn Emmanuel Gatt fis-seduta tas-17 ta' Frar 1999.

Illi ghal dak li jirrigwarda bilanc ta' Income Tax, l-assessment juri ammont pretiz ta' Lm5,838.00 izda peress illi hemm "objection" pendenti dwar parti minn dan l-ammont, ghall-finijiet ta'dawn il-proceduri qed jigi mitlub biss s-somma ta' Lm5,200.00.

Illi xehed f'dan ir-rigward Joseph Vassallo Gatt fis-seduta tal-14 ta' Jannar 1998 (fol. 282) fejn iddikjara illi l-ammont ta' p.A.Y.E. ma kienx kontestat izda a rigward tal-assessments tal-kumpanija Da Vinci Limited, dawn kienu ntbaghtu fl-indirizz 48, The Strand, Sliema u mhux 48, Ball Street, Paceville u marru lura lid-dipartiment. Eventwalment dawn l-assessments gew irtirati minn Vassallo Gatt u ghamel "objection" kif jirrizulta mill-kopja tal-istess li giet esebita bhala Dok. JVG 2 a fol. 285. Din l-oggezzjoni principalment qed issir a bazi tal-fatt illi l-ammont ta' taxxa mitluba bhala "income tax" giet kalkolata bhala "best of judgement assessment". Jinghad ukoll illi billi ghas-snin in kwistjoni 1989, 1990 u 1991 is-socjeta' Da Vinci Limited ghamlet telf, l-assessment huwa zbaljat.

Illi fid-dawl tal-premess, l-esponent mhuwiex f'qaghda illi f'dan l-istadju jidhol fil-mertu tal-"objection" avvanzata mit-"tax payer" u din semmai ghandha tithalla tiehu l-kors normali taghha; wara kollox hemm rimedji ohra li jistghu jigu esplorati mid-debitur. Ghandu jigi rilevat ukoll li fic-cirkustanzi attwali t-talba ghall-hlas tat-taxxa tikkostitwixxi titolu ezekuttiv u sakemm ma jigix deciz mod iehor jew tintlaqgha l-"objection" tad-debitur, l-esponent huwa tal-fehma illi dan l-ammont pretiz sa issa ghandu jitqies bhala dovut u kwindi ammess biex jippartecipa f'dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant l-esponent jikkonkludi billi jiddikjara illi l-kreditu tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li ghandu jigi ammess fil-konkors huwa ta' Lm1,281.00 rapprezentanti taxxa tal-P.A.Y.E. u Lm5,200.00 taxxa fuq id-dhul, b'kollox Lm6,481.00.

**<u>Ir-Rikors ta' l-Accountant General</u>**

Illi permezz tar-rikors prezentat fit-28 ta' Frar 1996 qed jigi reklamat ammont ta' Lm7,559.11 bhala taxxa fuq l-Infiq u Imghaxijiet u dovuta hekk:

Lm2,071.72 rapprezentanti Taxxa Fuq l-Infiq migbura pero' mhux imhallsa ghall-perjodu Dicembru 1993 sa Dicembru 1994, dwar servizzi ta' akkomodazzjoni fil-Hotel Da Vinci, Paceville;

Lm545.38 dovuti bhala imghax;

Lm3,547.58 rapprezentanti Taxxa fqu l-Infiq migbura pero' mhux imhallsa ghall-perjodu minn Lulju 1993 sa Dicembru 1994 rigward servizzi ta' restaurant ipprestati fil-Hotel Da Vinci;

Lm1,394 imghax fuq is-servizzi ta' restaurant hawn fuq imsemmija.

Illi l-Accountant General ippremetta ukoll illi dan il-kreditu huwa wiehed privileggjat a tenur tal-artiklu 5 (1) u (2) tal-Att XXII tal-1990.

Illi dan il-kreditu gie ridott permezz ta' nota prezentata fit-12 ta' Dicembru 1997 ghal Lm5,953.59.

Illi fis-seduta tal-14 ta' Jannar 1998 xehed Charles Caruana li huwa Principal Officer fid-Dipartiment tad-Dwana u Sisa.

Illi ghandu jigi rilevat ukoll f'dan il-kuntest illi fir-rikors li gie prezentat sussegwentement mill-Accountant General fil-21 ta' Ottubru 1998, fejn saret talba sabiex il-kreditu in kwistjoni jigi meqjus separat mill-assi tad-debitur, liema rikors sejjer jigi trattat aktar tard f'din ir-relazzjoni, gie premess illi l-kreditu pretiz kien jammonta ghal Lm4,013.78.

Illi in vista tal-provi mressqa, l-esponent huwa tal-fehma illi dan il-kreditu tal-Accountant General fis-somma ta' Lm4,013.78 gie pruvat u kwindi ammissibbli fil-proceduri odjerni.

**Ir-Rikors tal-Kummissarju tal-V.A.T.**

Illi permezz tar-rikors prezentat fit-28 ta' Frar 1996 l-ammont mitlub mill-Kummissarju tal-V.A.T. kien ta' Lm22,447.38, liema ammont sussegwentement gie ridott ghas-somma ta' Lm1,247.24 skond ma xehed Charles Caruana fis-seduta tal-14 ta' Jannar 1998. (fol. 277).

Illi ghandu jigi rilevat ukoll f'dan il-kuntest ili fir-rikors li gie prezentat sussegwentement mill-Kummissarju tal-V.A.T. fil-21 ta' Ottubru 1998, fejn saret talba sabiex il-kreditu in kwistjoni jigi meqjus separat mil-assi tad-debitur, liema rikors sejjer jigi trattat aktar tard f'din ir-relazzjoni, gie premess illi l-kreditu pretiz kien jammonta ghal Lm1,097.72.

Ghaldaqstant il-kreditu tal-Kummissarju tat-Taxxa Fuq ilValur Mizjud li ghandu jigi ammess f'dawn il-proceduri huwa dak ridott ta' Lm1,097.72.

**Ir-Rikors ta' Maltacom plc**

Illi fir-rikorsl li gie prezentat fis-26 ta' Frar 1996 gie premess illi

Maltacom plc hija kreditur ta' Da Vinci Limited fis-somma ta' Lm7,960.39 rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' telefon ghan-numri 344815, 344818, 344383 skond prospett li gie anness mal-istess rikors u li jinsab a fol. 111 sa 115 tal-process.

Illi fis-seduta tal-20 ta' Jannar 1997 xehed Saviour Farrugia li kkonferma li l-ammont mitlub kien ghadu dovut u li s-"subscriber" kien Da Vinci Limited. Huwa esebixxa ittra tad-29 ta' Novembru 1994 li ntbaghtet minn Joseph Vassallo Gatt fuq ittra intestata Hotel Da Vinci fejn talab li jhallas l-ammont permezz ta' pagamenti mensili u akkont.

Illi l-esponent jissottometti illi din it-talba ta' Maltacom plc hija gustifikata u kwindi l-kreditu pretiz fis-somma ta' Lm7,960.39 ghandu jigi ammess f'dawn il-proceduri odjerni.

**Ir-Rikors tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali**

Illi permezz tar-rikors prezentat fl-14 ta' Frar 1996, id-Direttur tas-Sigurta Socjali qieghed jirreklama l-ammont ta' Lm 15,162.34 rapprezentanti kwantu ghal Lm10,307.80 bhala kontribuzzjonijiet tal-ewwel klassi ghall-perjodu minn April 1990 sa Mejju 1995 u kwantu ghal Lm4,854.54 bhala kontribuzzjonijiet tat-tieni klassi ghall-perjodu minn 1988 sa 1995.

Illi l-istess rikorrent ippremetta illi dan il-kreditu huwa wiehed privileggjat a tenur tal-Att tal-1987 dwar is-Sigurta' Socjali. (Kap. 318).

Illi in sostenn ta' din it-talba xehed Ian Napier li huwa Ufficcjal Ezekuttiv fid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali u dan fis-seduta tal-20 ta' Jannar 1997 (fol. 193) li kkonferma illi l-ammont mitlub kien dovut u esebixxa prospett.

Illi in vista ta' dawn il-provi u fin-nuqqas ta' ebda kontestazzjoni, l-esponent huwa soddisfatt illi dan il-kreditu ghandu jigi ammess f'dawn il-proceduri fis-somma ta' Lm15,162.34.

**<u>Ir-Rikors ta' Stivala Wines & Spirits Limited</u>**

Illi permezz tar-rikors prezentat fil-15 ta' Frar 1996, Stivala Wines & Spirits Limited ippremettew illi huma kredituri fis-somma ta' Lm554.29 rapprezentanti kwantu ghal Lm446.04 kanonizzat permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc tal-14 ta' Gunju 1995 fl-ismijiet "Alfred Stivala noe vs Joseph Vassallo Gatt nomine pro et noe" (Citaz. Numru 802/95 AM) u Lm37.28 imghax dovut sal-15 ta' Frar 1996 salvi imghaxijiet ulterjuri u Lm50.97 spejjez gudizzjarji.

Illi giet esebita kopja tas-sentenza in kwistjoni kif ukoll taxxa tal-ispejjez a fol. 168). Di piu' xehed Alfred Stivala fis-seduta tat-23 ta'

Frar 1998 fejn gie konfermat li ma kien thallas xejn mill-ammont dovut.

Ghaldaqstant l-esponent jikkonkludi illi dan il-kreditu ghandu jigi ammess f'dawn il-proceduri.

**Ir-Rikors ta' Stivala Distributors Limited**

Illi permezz ta' dan ir-rikors li gie intavolat fl-14 ta' Frar 1996, gie premess illi s-socjeta' Stivala Distributors Limited hija kreditur fis-somma ta' Lm1,761.49 rapprezentanti kwantu ghal Lm1,483.31 kanonizzati b'sentenza tat-23 ta' Gunju 1995 fl-ismijiet "Alfred Stivala noe vs Joseph Vassallo Gatt pro et noe" (Citaz. 806/95 AJM), Lm118.64 imghaxijiet dovuti mill-15 ta' Frar 1996, salvi imghaxijiet ulterjuri u Lm159.54 spejjez tal-kawza.

Illi gew esebiti d-dokumenti relattivi in sostenn tal-kreditu pretiz u kwindi dan l-ammont ta' Lm1,761.49 ghandu jigi ammess fil-proceduri odjerni.

**Ir-Rikors ta' Blue Sky Furniture Limited**

Illi skond ir-rikors tal-14 ta' Frar 1996, Blue Sky Furniture Limited ippremettiet illi ghadu dovut bilanc fis-somma ta' Lm740.00 u fuq

liema kreditu l-istess Blue Sky Furniture tippretendi li ghandha privilegg a bazi tal-artiklu 2009 (d) tal-Kodici Civili.

Illi dan il-kreditu gie kanonizzat permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Kummerc deciza fis-17 ta' Ottubru 1994 fl-ismijiet "Charles Attard noe vs Joseph Vassallo Gatt nomine" (Citaz. Numru 1366/94 JSP) skond liema sentenza gie kanonizzat l-imsemmi kreditu oltre Lm70.44,8 spejjez skond taxxa u imghax fis-somma ta' Lm78.93 kalkolati sas-17 ta' Frar 1995, b'kollox ghalhekk Lm889.87,8.

Illi kopja tas-sentenza fuq riferita tinsab a fol. 70 tal-process kif ukoll kopja tat-taxxa tal-ispejjez. In oltre giet insinwata ipoteka legali kif jirrizulta min-nota prezentata fit-23 ta' Jannar 1997 a fol. 213 fejn jirrizulta li giet iskritta l-ipoteka generali numru I 4461/1996 fl-20 ta' Marzu 1996.

Illi dan il-kreditu ghalhekk jista' jitqies bhala ammissibbli f'dawn il-proceduri.

**<u>Ir-Rikors ta' Francis Busuttil & Sons</u>**

Illi permezz tar-rikors prezentat minn Francis Busuttil & Sons Limited, gie premess illi din is-socjeta' ghandha kreditu ta' Lm880.72.

Illi ma jidhirx mill-istess rikors promotorju kif origina dan il-kreditu u lanqas jidher li qatt ngabu provi in sostenn ta’din it-talba.

Illi fic-cirkostanzi ghalhekk, jidher illi ma hemmx prova li tista’ tiggustifika l-ammissibilta’ ta’ dan il-kreditu fil-konkors odjern u ghaldqastant l-esponent huwa tal-fehma illi dan il-kreditu ma ghandux jitqies f’dawn il-proceduri.

**<u>Ir-Rikors ta’ Attard & Co. Limited</u>**

Illi fir-rikors li gie prezentat fis-7 ta’ Frar 1996, Attard & Co. Ltd talbet illi jigi ammess kreditu taghha fis-somma ta’ Lm23.75, import ta’ “cheque” bin-numru 192 mahrug fl-14 ta; April 1995 li ma kienx issarraf meta gie prezentat il-Bank of Valletta Limited stante li l-kont tal-istess socjeta’ Da Vinci Limited kien issekwestrat. Gie premess ukoll illi dan il-kreditu kien jirrapprezenta bilanc ta’ somma akbar prezz ta’ “foodstuffs” mibjugha lis-socjeta’ debitrici.

Illi ma jidhirx li qatt ngabu provi in sostenn ta’ din it-talba.

Illi fic-cirkostanzi ghalhekk, jidher illi ma hemmx prova li tista’ tiggustifika l-ammissibilita’ ta’dan il-kreditu fil-konkors odjern u ghaldaqstant l-esponent huwa tal-fehma illi dan il-kreditu ma ghandux jitqies f’dawn il-proceduri.

**Ir-Rikors tal-Perit Anthony Cassar**

Illi ma jidhirx mill-atti illi ngabet xi prova dwar dan il-kreditu u lanqas xehed l-istess rikorrent. Mill-premessi tar-rikors ma jidhirx car kif origina dan il-kreditu; dan qed jinghad billi gie premess illi s-servizzi professjonali in kwistjoni gew prestati in konnessjoni ma' rapport prezentat fl-atti tas-subbasta numru 127/1994. Issa ghalkemm ma jirrizultax xi riferenza ghal din is-subbasta wiehed jipprezumi illi li kieku il-perit gie mitlub jaghmel rapport dwar xi proprjeta' fl-atti ta' proceduri ta' subbasta, il-kreditur ezekutant ikollu l-obbligu li jhallas id-drittijiet relattivi.

Illi fic-cirkostanzi l-esponent mhuwiex tal-fehma illi din it-talba fic-cirkostanzi ghandha tigi milqugha.

**Ir-Rikors ta' diversi mpjegati**

Illi gew prezentati diversi rikorsi fid-29 ta' Frar 1996 mis-segwenti:

Richard Muscat jitlob hlas ta' Lm800.00 bhala director's fees;

Melanie Drury titlob Lm75.00 rapprezentanti arretrati ta' paga;

Joseph Vassallo Gatt jitlob Lm1,800 bhala director's fees;

Petronella Sant titlob Lm2,212.05 bhala arretrati ta' paga;

Tessi Cini titlob Lm130.00 bhala arretrati ta' paga;

Monica Mock titlob Lm1,537.85 rapprezentanti arretrati ta' paga;

Stefan Sacco jitlob Lm57.75 arretrati ta' paga;

Karl Portelli jitlob Lm140.00 arretrati ta' paga;

Anton Said jitlob Lm176.00 arretrati ta' paga;

Illi dwar dawn it-talbiet xehed Joseph Vassallo Gatt (fol. 278) li kkonferma illi l-pretensjonijiet kollha ghadhom dovuti hlief ghal dak reklamat minn Karl Portelli fis-somma ta' Lm140.00. Dwar it-talba ta' Richard Muscat ix-xhud ikkwalifika din it-talba billi xehed illi Richard Muscat ma kienx direttur u li kien impjegat u kwindi l-ammont mitlub minn dan ir-rikorrent kien semmai dovut bhala arretrati ta' paga u mhux bhala "director's fees".

Illi fic-cirkostanzi u fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, l-esponent huwa tal-fehma illi t-talbiet tar-rikorrenti hawn fuq elenkati ghandhom jigu ammessi formalment f'dawn il-proceduri hlief ghal dak ta' l-imsemmi Karl Portelli.

**<u>Ir-Rikors ta' Paul u Maria Cilia</u>**

Illi permess tar-rikors prezentat mill-konjugi Paul u Maria Cilia gie premess illi Paul Cilia kien impjegat ta' Da Vinci Limited u li kien dovut lilu s-somma ta' Lm437.75 bhala paga dovuta ghall-perjodu mill-4 ta' Jannar 1995 sad-9 ta' Mejju 1995.

Illi mar-rikors gie prodott prospett li juri dettaljatament il-hinijiet u sieghat li hadem l-imsemmi mpjegat. Fuq kollox skond ix-xhieda ta' Joseph Vassallo Gatt (fol. 278) gie ammess illi dan l-ammont kien ghadu dovut.

Illi wara li gie stabbilit min kienu l-kredituri li riedu jikkonkorru f'dina l-procedura ta' falliment u wara li din il-Qorti, kif dakinhar diversament presjeduta semghet il-provi li gew prodotti direttament quddiemha mill-partijiet konkorrenti sa dakinhar, il-Qorti ghaddiet imbaghad biex tinnomina lill-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino LL.D. sabiex wara li jiehu konjizzjoni tal-pretensjonijiet kollha tal-konkorrenti u jaghmel debita verifika tal-krediti, huwa jestendi relazzjoni – u dan in forza ta' digriet datat il-15 ta' Mejju 1998 ( a fol. 343 – 344 tal-process).

**<u>Id-Decizjoni ta' din il-Qorti</u>**

Illi wara li ezamina l-provi prodotti kif fuq inghad, flimkien ma' provi u sottomissjonijiet ulterjuri min-naha tal-partijiet konkorrenti, il-perit gjudizzjarju surreferit ipprezenta r-relazzjoni tieghu, kif ikkonfermata bil-gurament, fil-25 ta' Frar 2000 (ara fol. 430 – 470 tal-process), flimkien ma' dokumenti relativi.

Illi din il-Qorti, wara li semghet bil-gurament xi kjarifiki ulterjuri mir-rikorrent promotur, il-Prokuratur Legali Adrian Borg f'isem L-H.S.B.C. plc, tat fakolta' lill-partijiet biex, jekk iridu jipprezentaw nota jew noti

ta' osservazzjonijiet riferibbilment ghar-rizultanzi kontenuti fir-relazzjoni peritali surreferita.

Illi fis-26 ta' Gunju 2000, is-socjeta' konkorrenti Muscat Construction Company Limited ipprezentat nota ta' sottomissjonijiet bi kritika ghar-relazzjoni peritali in kwantu argomentat li l-post xieraq taghha fil-lista ta' gradwazzjoni adoperata mill-perit gudizzjarju kellha tkun fil-hames (5) grad, u li fkull kaz l-ammont tal-Bank ezekutant kellu jigi ridimensjonat skond il-kriterji elenkati fin-nota tieghu, u f'liema kaz allura s-socjeta' msemmija kellha tippartecipa fil-qsim tar-rikavat tal-bejgh ta' l-immobbli, b'dan allura li r-relazzjoni kellha tigi mibdula in parte konformement.

Illi fl-1 ta' Settembru 2000, il-Bank ezekutant, filwaqt li ddikjara li kien jaqbel in toto mal-konkluzjonijiet raggunti mill-perit gudizzjarju u li dawn kellhom jigu kwindi kkonfermati, intavola wkoll risposta biex iwiegeb ghall-punti kollha li gew imqanqlin mis-socjeta' Muscat Construction Company Limited;

Illi ma jidhirx li saru xi sottomissjonijiet ohra ta' riljev mill-konkorrenti l-ohra.

Illi dwar dak li gie sollevat mis-socjeta' Muscat Construction Company Limited, din il-Qorti kkunsidrat kif ser jinghad:

1. L-ewwel punt hu li l-imghaxijiet legali fuq kreditu bankarju / kummercjali ricevut bl-ipoteka jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza li tirrendi tali kreditu titolu ezekuttiv. Issa l-art. 1141 (1) tal-Kap. 16 jistipula li f'kaz simili l-imghaxijiet ghandhom jghoddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita – u l-kuntratt data is-26 ta' Gunju 1995 fl-atti tan-Nutar Marco Burlo' – ara Dok. A – jissufraga dan ukoll. Illi, kif gustament issottometta l-Bank H.S.B.C., ezekutant, is-self ta' Lm125,000 sar fl-14 ta' Marzu 1991 u minnhom Lm492,174.28c2 thallsu fuq il-kuntratt u l-imghax fuqhom beda jiddekorri mill-jum konvenut mill-partijiet u skond il-prattika bankarja stabbilita. Illi skond l-art. 2095 tal-Kap. 16 imbaghad l-imghaxijiet ta' dak il-kreditu jitqieghdu fl-istess grad tal-kreditu principali.

2. Illi dwar it-tieni punt ta' kritika dwar hlas b'surroga minn Cool Operators Limited u li nqata' mill-interessi ta' Lm37,803.41c3m fuq l-ammont ta' Lm125,664.94c, hemm ukoll ftehim kif jirrizulta mill-atti notarili surreferit fl-atti tan-Nutar Marco Burlo' tas-26 ta' Gunju 1995 mnejn jemergi specifikament li l-pagament ta' Lm10,000 gie imputat ghall-interessi fuq l-ammont fuq imsemmi. Il-bank ezekutant jirreferi inoltre ghal dak li jghid il-Kodici Civili nostran fl-artikli 1168 – 1172. L-artiklu 1171 citat mis-socjeta' ma japplikax u meta gie citat minna fin-nota taghha, konvenjentement thalla

barra l-provviso li jghid hekk: "Bla hsara tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli ta' qabel dan ……"

Il-Qorti taqbel li l-artiklu applikabbli f'dan il-kaz kien l-artiklu 1169 (2) tal-Kap. 16.

3. Illi t-tielet punt hu li l-perit gudizzjarju ma messux dahhal interessi b'rati komposti bla debita prova dwarhom mill-konkorrenti li ppretendewhom.  Mill-provi prodotti izda, ghandu jirrizulta li l-kreditu tas-socjetajiet de quo sar ezekuttiv kemm in forza ta' ittri ufficjali li gew spediti u bis-sentenzi li rrendew il-kreditu wiehed ezekuttiv – hekk ara sentenza tal-10 ta' Mejju 1995 Citaz. Numru 629/95.

4. Illi r-raba' u l-ahhar sottomissjoni tas-socjeta' Muscat Construction Company Limited hija li hija tgawdi privilegg specjali favuriha billi hawn si tratta ta' "work and material that was provided by the creditor for the debtor in the hereunder described Hotel".  Dan seta' ken hekk kemm-il darba rrizulta li tali privilegg gie mnizzel fir-Registru Pubbliku fi zmien xahrejn.  In mankanza ta' din il-prova, il-pretensjoni tas-socjeta' surreferita ma treggix u fil-fatt tali prova ma rrizultatx li sehhet minn dak li jidher mill-provi li gew prodotti.

Illi mis-suespost ghalhekk isegwi li l-kritika u s-sottomissjonijet li saru mis-socjeta' Muscat Construction Company Limited huma kollha infondati, fil-fatt u fid-dritt.

Illi l-Qorti, wara li ezaminat il-provi, hija tal-fehma li l-kostatazzjonijiet kollha maghmulin mill-abbli perit gudizzjarju, kif ukoll il-konkluzjonijiet minnu raggunti huma gusti u korretti u hija tikkondividihom in toto u taghmilhom taghha. Illi ghalhekk ukoll issir riferenza shiha ghal dik il-parti tar-relazzjoni li tibda bl-intestatura: "4. Ammissjoni tal-Krediti", a fol. 24 tar-relazzjoni, a fol. 453 tal-process u li tibqa' sejra, xejn eskluz, sal-paragrafu "8. Spejjez Gudizzjarji", a fol 37 tar-relazzjoni, a fol. 466 tal-process, li ghandhom jitqiesu bhala li jifformaw parti integrali mill-korp ta' din is-sentenza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi tenut kont ta' l-ammont iddepozitat fis-somma ta' Lm315,000 jidher evidenti illi l-kredituri li ser jigu soddisfatti u sejrin effettivament jithallsu huma dawn li jinsabu elenkati fl-ewwel sitt gradi, filwaqt li l-H.S.B.C. Bank Malta plc ghandu jippercepixxi parti sostanzjali mill-kreditu pretiz. Illi ghandu biss jigi rilevat li parti zghira mill-ammont dovut lill-H.S.B.C. huwa in virtu' ta surroga moghtija bl-ipoteka Numru I 3454/1988 li hija ugwali ghal gradwazzjoni tal-Lohombus Bank Limited limitatament ghas-somma ta' Lm9,866. Din il-prattika ma taghmel l-ebda differenza billi s-socjeta' Lohombus Bank Limited

xorta wahda tippregradwa lill-H.S.B.C. Bank Malta plc fl-ammont ta' Lm30,000 , a bazi ta' l-ipoteka numru I 8750/1989.

Illi in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti, hadd mill-kredituri konkorrenti m'huma sejrin ikunu jistghu jizbankaw wara l-H.S.B.C. Bank Malta plc.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi li l-gradwazzjoni finali tal-kredituri partecipanti fl-atti tal-konkors ta' kredituri tas-socjeta' Da Vinci Limited hija kif ser jinghad:

**<u>Fl-Ewwel Grad</u>**

L-ispejjez gudizzjarji sabiex sar il-bejgh tal-fond immobbli u l-ispejjez gudizzjarji sabiex isir il-qsim tar-rikavat.

**<u>Fit-Tieni Grad</u>**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni** fis-somma ta' Lm2,986.00 rapprezentanti taxxa dovuta bhala PAYE u privileggjat skond l-artiklu 23(8) tal-Att. XVIII tal-1994, u li b'nota tas-16 ta' Marzu 2000, tal-Perit Gudizzjarju Dr. Louis Cassar Pullicino, il-paragrafu <u>fit-Tieni Grad</u> gie mibdul biex jaqra hekk: Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fis-somma ta' Lm1,097.72, li hu privileggjata a tenur tal-artiklu 62 tal-Att XXIII tal-1998.

**<u>Fit-Tielet Grad</u>**

a) **L-impjegati** sa ammont massimu ta' Lm200.00 fejn ghandhom jiehdu aktar minn dan l-ammont u privileggjati skond l-artiklu 27 tal-Kap. 135 tal-Ligijiet ta' Malta u cjoe':

| | |
|---|---|
| **Richard Muscat** | Lm200.00 |
| **Melanie Drury** | Lm  75.00 |
| **Joseph Vassallo Gatt** | Lm200.00 |
| **Petronella Sant** | Lm200.00 |
| **Tessie Cini** | Lm200.00 |
| **Monica Mock** | Lm200.00 |
| **Stefan Sacco** | Lm  57.75 |
| **Anton Camilleri** | Lm105.80 |
| **Anthony Said** | Lm176.00 |
| **Paul Cilia** | Lm200.00 |

b) **Id-Direttur tas-Sigurta' Socjali** fl-ammont ta' Lm10,307.00 dovuta bhala kontribuzzjonijiet tal-ewwel klassi u privileggjat skond l-artiklu 116(3) tal-Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Fir-Raba' Grad</u>**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni** fis-somma a' Lm1,282.00 rapprezentanti taxxa dovuta bhala PAYE u privileggjat skond l-artiklu

23(8) tal-Att. XVIII tal-1994.

**Fil-Hames Grad**

**Blue Sky Furniture Limited** fis-somma ta' Lm889.87.

**Fis-Sitt Grad**

**Lohombus Bank Limited** fis-somma ta' Lm43,202.65.

**Fis-Seba' Grad**

**H.S.B.C. Bank Malta plc** fis-somma ta' Lm334,382.69.

**Fit-Tmien Grad**

**Bank of Valletta plc** fis-somma a' Lm42,692.51,

**Fid-Disa' Grad**

**Muscat Construction Limited** fis-somma ta' Lm13,574.63.

**Fl-Ghaxar Grad**

**Medairco Limited** fis-somma ta' Lm54,449.21.

**<u>Fil-Hdax il-Grad</u>**

Il-kredituri ordinarji li ma jgawdu minn ebda privilegg u cjoe'

**Accountant General** fis-somma ta' Lm4,013.78

**Maltacom plc** fis-somma ta' Lm7,960.39

**Stivala Wines & Spirits Ltd.** fis-somma ta' Lm554.29

**Stivala Distributors Ltd.** fis somma ta' Lm1,761.49.

L-impjegati ghal dak li jiirgwarda l-eccess ta' mitejn lira.

Tenut kont tal-ammont depozitat fis-somma ta' Lm315,000.00, jidher evidenti illi l-kredituri li ser jithallsu huma dawk elenkati fl-ewwel sitt gradi filwaqt li HSBC Bank Malta plc ghandu jircievi parti sostanzjali mill-kreditu pretiz.

Illi ghandu jinghad f'dan ir-rigward illi parti zghira mill-ammont dovut lil HSBC Bank Malta plc u cjoe' Lm29,082.00 u Lm10,085.65 huwa in virtu tas-surruga li nghatat fid-drittijiet ipotekarji tal-ipoteka Numru I 3454/1988 ugwali ghal gradwazzjoni tal-Lohombus Bank Limited limitatament ghas-somma ta' Lm9,866.00. F'termini prattici, ma taghmel ebda differenza li HSBC Bank Malta plc jigi gradwat subordinat ghall-Lohombus Bank Ltd ghall-ammont intier tal-kreditu tieghu ghaliex Lohombus Bank Ltd xorta jippregradwah ghall-ammont ta' Lm30,000 a bazi tal-ipoteka numru I 8570/89. B'hekk u

in vista tal-ammont depozitat, hadd mill-kredituri mhu ser ikun jista' jizbanka wara HSBC Bank Malta plc.

Il-kap ta' l-ispejjez jithallas kif hemm provdut fl-ewwel paragrafu tal-listi tal-gradwazzjoni taht l-intestatura "Fl-Ewwel Grad".

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md

## Ammissjoni tal-Krediti

Illi mill-premess jigi konkluz illi l-kredituri u krediti rispettivi li ghandhom jigu ammessi, salvi imghaxijiet ulterjuri, huma s-segwenti:

| | |
|---|---|
| Lohombus Bank Ltd. | Lm 43,202.65 |
| H.S.B.C. Bank Malta plc | Lm334,382.69 |
| Muscat Construction Ltd. | Lm 13,574.63 |
| Medairco Ltd. | Lm 54,449.21 |
| Bank of Valletta plc | Lm 42,692.51 |
| Kummissarju tat-Taxxi Interni | Lm 6,481.00 |
| Accountant General | Lm 4,013.78 |
| Commissioner for V.A.T. | Lm 1,097.72 |
| Maltacom plc | Lm 7,960.39 |
| Direttur Servizzi Socjali | Lm 15,162.29 |
| Stivala Wines & Spirits Ltd. | Lm 554.29 |
| Stivala Distributors Ltd. | Lm 1,761.49 |
| Blue Sky Furniture Ltd. | Lm 889.87 |
| Richard Muscat | Lm 800.00 |
| Melanie Drury | Lm 75.00 |
| Joseph Vassallo Gatt | Lm 1,800.00 |
| Petronella Sant | Lm 2,212.05 |
| Tessie Cini | Lm 130.00 |
| Monica Mock | Lm 1,537.85 |
| Stefan Sacco | Lm 57.75 |

| | | |
|---|---|---|
| Anton Camilleri | Lm | 105.80 |
| Anthony Said | Lm | 176.00 |
| Paul Cilia | Lm | 437.75 |

**<u>Ir-Rikorsi tal-Accountant General u Kummissarju tal-V.A.T. tal-21 ta' Ottubru 1991</u>.**

Illi permezz ta' dawn iz-zewg rikorsi z-zewg kredituri hawn fuq indikati qeghdin jitolbu illi l-krediti rispettivi taghhom ma jigux mqieghda fl-istess keffa mal-krediti l-ohra u dan stante li l-ammont li qed jigi reklamat ma jifformax parti mill-assi tat-"taxpayer".

Illi in sostenn ta'din it-talba l-Accountant General jaghmel riferenza ghall-artiklu 5 (2) tal-Att XXII tal-1990 (Taxxa fuq l-Infiq).

Illi ghal dawn it-talbiet saru risposti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni (fol. 364), Blue Sky Furniture Limited (fol. 368), Paul Cilia (fol. 370), Lohombus Corporation (fol. 371 u Bank of Valletta plc (fol. 372) fejn dawn kollha opponew it-talba tar-rikorrenti.

Illi fil-fehma tal-esponent, l-artiklu citat mir-rikorrenti u cjoe' l-artiklu 5 (2) tal-Att XXII tal-1990 in sostenn tat-talba taghhom sabiex il-kreditu taghhom jitwarrab billi dan jikkostitwixxi beni separati minn dak tad-debitur, ma tittizultax li hija legalment attendibbli. Illi l-artiklu citat juri

bic-car illi l-intenzjoni tal-legislatur kienet tali li riedet tohloq patrimonju separat fis-sens illi meta negozjant jigbor levy jew taxxa fuq il-valur mizjud (V.A.T.) u jkun ghadu jinnegozja, dan l-ammont fil-pussess tieghu mhuwiex sekwestrabbli minn terzi kredituri u f'kull hin dawn il-flejjes jitqiesu bhala proprjeta' tal-Gvern ta' Malta.

Illi c-cirkostanzi li ghandna quddiemna llum huma totalment differenti b'mod li jirrendu l-artiklu citat inapplikabbli. Ir-rikavat li fuqu qeghdin jikkonkorru l-kredituri hwa r-rizultat tal-bejgh ta' immobbli minn proceduri tas-subbasta. Ma jista' jkun hemm ebda ammont minn dan ir-rikavat li jista' jitqies bhala separat u appetenenti lill-Gvern ghaliex dawn huma flus li thallsu mill-akkkwirent matul il-bejgh bis-subbasta. Peress illi l-flus huma di natura *fungibiles*, il-flus attwalment migbura mid-debitur ghall-hlas ta' levy jew V.A.T. thalltu mal-assi tieghu u f'cirkostanzi li dawn il-flus ma jistghux jigu aktar identifikati per se bhal nghidu ahna f'kaz li gew depozitati f'kont bankarju ad hoc, ir-rimedju kontemplat ma japplikax.

Illi in vista tas-suespost, l-esponent huwa tal-fehma illi t-talba tal-Accountant General u tal-Kummissarju tal-Valur Mizjud kif dedotta fir-rikors tal-21 ta' Ottubru 1998 ghandha tigi michuda. Ghandu jsegwi ghalhekk illi l-ammont ta' krediti ammessi u elenkati hawn fuq jibqa' kif kien.

## In-Natura tal-Krediti u Preferenza

Wara li d-diversi rikorsi gew kunsidrati individwalment imiss issa illi jsir ezercizzju dwar il-gradwazzjoni tad-diversi krediti u dan wara li ssir analisi tal-kawtela li hemm inn konnessjoni ma' certi krediti u anke analisi dwar in-natura ta' uhud mill-krediti ammessi.

Illi sabiex tigi facilitata l-analisi tan-natura ta' dawn il-krediti kif ukoll il-kwistjoni tal-privilegg o meno u tal-eventwali gradwazzjoni, l-esponent sejjer jikklassifika l-krediti ammessi skond il-klassifikazzjoni li gejja u cjoe':-

i. Krediti Fiskali
ii. Salarji
iii. Privileggi u Ipoteki
iv. Krediti ohra.

## Krediti ta' Natura Fiskali

Illi taht dawn it-tipi ta' krediti l-esponent jista' immedjatament jidentifika l-krediti vantati mis-segwenti kredituri u cjoe' dawk tal-Kummissjoni tat-Taxxi Interni, il-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, id-Direttur tas-Servizzi Socjali u dak tal-Accountant General.

## a) Kreditu tad-Direttur tas-Servizzi Socjali

Illi l-artiklu rilevanti ghall-gradwazzjoni ta' dan il-kreditu huwa indubbjament l-artiklu 116 (2) tal-Att Dwar is-Sigurta' Socjali (Kap. 318) li jipprovdi hekk:

> *"Minkejja d-dispozizzjonijiet ta' kull ligi ohra, it-talba tad-Direttur ghal xi ammont dovut bhala kontribuzzjoni ta' l-Ewwel Klassi jew tat-Tieni Klassi taht dan l-artiklu tikkostitwixxi talba privileggjata, fil-kaz ta' kontribuzzjoni ta' l-Ewwel Klassi, fl-istess grad bhal pagi ta' impjegati fuq l-attiv tal-principal u fil-kaz ta' kontribuzzjoni tat-Tieni Klass, fuq l-assi tal-persuna li timpjega lilha infisha jew persuna li tahdem ghaliha nfisha koncernata u ghandha tithallas bi preferenza fuq it-talbiet l-ohra kollha (minbarra l-pagi) sew jekk privileggjata jew ipotekarji".*

Illi gja goe stabbilit aktar qabel f'din ir-relazzjoni illi l-kreditu dovut mis-socjeta' Da Vinci Limited lid-Direttur tas-Sigurta' Socjali huwa ta' Lm15,162.34 u dan l-ammont jirraprezenta kwantu ghal Lm10,307.80 bhala kontribuzzjonijiet tal-Ewwel Klassi ghall-perjodu minn April 1990 sa Mejju 1995 u kwantu ghal Lm4,854.54 bhala kontribuzzjonijiet tat-Tieni Klassi ghall-perjodu minn 1988 sa 1995.

Illi in vista tal-fatt illi dawn il-proceduri tal-konkors tal-kredituri qeghdin isiru fuq ir-rikavat mill-bejgh in subbasta tal-assi tas-socjeta' Da Vinci Limited, is-socjeta' li kienet thaddem l-impjegati koncernati, ma hemmx dubbju illi l-ammont ta' Lm10,307.80 dovut bhala kontribuzzjoni tal-Ewwel Klassi huwa munit bil-privilegg kontemplat fl-artiklu hawn fuq citat.  Fl-istess hin ma jistax jinghad l-istess ghas-somma l-ohra ta' Lm4,854.54 billi semmai dan huwa meqjus bhala kontribuzzjoni tat-Tieni Klassi u kwindi jitqies biss bhala privilegg fuq l-assi tal-persuna li timpjega lilha nnifisha li m'huwiex il-kaz hawnhekk.

Illi ghalhekk l-esponent jikkonkludi illi l-ammont ta' Lm10,307.80  biss huwa privileggjat fuq l-attiv tal-principal li f'dan il-kaz hija s-socjeta' Da Vinci Limited u dan il-privilegg huwa simili ghal dak li jgawdu l-impjegati relattivament ghall-pagi dovuti.

**b) <u>Kreditu tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni</u>**

Illi l-artiklu 23 (8) tal-Att XVIII tal-1994 – l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, jipprovdi dan li gej:

*"……. L-avviz imsemmi fis-subartklu (4) ta' dan l-artiklu, li juri li l-ammont li ghandu jithallas taht dan l-artiklu, jikkostitwixxi talba privileggjata fuq l-assi ta' min ihaddem t'a grad minnufih wara l-pagi tal-impjegati u talbiet tad-Direttur*

*tas-Sigurta' Socjali ……. u ghandha tithallas wara dawk il-pagi u talbiet izda bi preferenza ghall-pretensjonijiet l-ohra kollha sew privileggjati jew ipotekarji."*

Is-sub artiklu (4) tal-artiklu citat jipprovdi illi:

*"…….. meta persuna tonqos taxxa skond id-dispozizzjonijiet ta' xi regoli maghmlua skond is-subartiklu (1) ta' dan l-artiklu jew wara li tnaqqas dik it-taxxa, tonqos li thallasha lill-Kummissarju fiz-zmien preskritt, din tigi ntaxxata bit-taxxa li kellha titnaqqas jew tithallas u b'zieda, ………"*

Jidher ghalhekk illi fil-kaz in ezami dik il-parti tal-kreditu tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni rapprezentanti tnaqqis li kellu bl-iskema tal-PAYE fis-somma ta' Lm2,986.00 hija privileggjata u tiggradwa ezattament wara krediti tal-impjegati u tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali.

Ghandu jsegwi ghalhekk illi skond il-ligi attwalment vigenti talba li tirrigwarda hlas tat-taxxa fuq il-qliegh dovuta ma tgawdi ebda privilegg.

**c) <u>Il-Kreditu tal-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud</u>**

Illi l-kreditu tal-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud

jammonta ghal Lm1,097.72 u dan il-kreditu jgawdi privilegg skond il-ligi.

In fatti skond il-ligi rilevant u cjoe' l-artiklu 62 tal-Att XXIII tal-1998 – Att biex jipprovdi ghall-impozizzjoni ta' taxxa fuq il-valur mizjud – jipprovdi carament illi l-Kummissarju jkollu privilegg specjali fuq l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita' ekonomika ta' persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna taht l-Att u din it-Taxxa tithallas minkejja kull ma jista' jinstab f'xi ligi ohra, bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor hlief dejn li jkollu privilegg generali u dejn imsemmi fil-paragrafu (a) u (b) tal-artiklu 2009 tal-Kodici Civili.

Illi l-unika diffikulta' li josserva l-esponent huwa illi meta wiehed iqabbel din id-dispozizzjoni ma' l-artiklu 27 tal-Kap. 135 li tirregola l-privilegg tal-impjegati, ma hemmx xejn li b'xi mod tindika x'kienet l-intenzjoni tal-legislatur dwar il-gradwazzjoni ta' dawn iz-zewg krediti rispettivi.  Id-diffikulta' tqum ghaliex iz-zewg ligijiet partikolari t-tnejn jipprovdu illi l-kreditu rispettiv tal-Kummissarju tal-V.A.T. u tal-impjegati sal-ammont ta' Lm200.00 ghandu jithallas bi preferenza ghal krediti ohra privileggjati, minkejja dak li jista' gja ikun provdut f'xi ligi gja' ezistenti.  Billi pero' il-ligi li biha giet fis-sehh it-taxxa fuq il-Valur Mizjud hija posterjuri ghall-Kap. 135, wiehed jikkonkludi illi l-privilegg tal-Kummissarju tat-Taxxa

fuq il-Valur Mizjud ghandu jippregradwa dak tal-impjegati u tad-Direttur tas-Servizzi Socjali.

d) **Il-kreditu tal-Accountant General**

Illi s-somma ta' Lm4,013.78 dovuta lill-Accountant General ma tgawdi minn ebda privilegg skond il-ligi u fic-cirkostanzi dan il-kreditu ghandu jitqies bhala wiehed ordinarju.

Illi l-Att Nru. XXII tal-1990 – Att biex jimponi Taxxa fuq l-Infiq dwar Oggetti u Servizzi – jipprovdi biss fl-artiklu 5 (2) illi kull taxxa migbura mill-bejjiegh ma tkunx sekwestrabbli mill-kredituri tieghu u li dawk il-flus migbura bhala taxxa hija proprjeta' tal-Gvern. L-esponent gja kellu l-opportunita' li josserva aktar qabel f'din ir-relazzjoni illi fic-cirkostanzi tal-kaz, il-kreditu tal-Accountant General lanqas ma jista' jigi agevolat billi jitqies separat mill-massa ta' krediti l-ohra. Apparti dan huwa evidenti illi l-ebda privilegg ma japplika f'dan il-kaz.

**Salarji**

Illi kif gja rrizulta saru diversi talbiet minn numru ta' mpjegati.

Illi skond l-artiklu 27 tal-Att li Jirregola l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg (Kap. 135 tal-Ligijiet ta' Malta) insibu espressament provdut illi:

> *"Hemm x'hemm fid-dispozizzjonijiet ta' kull ligi ohra, il-jedd tal-impjegati ghall-pagi dwar servizzi maghmulin ghall-principal ghandu, sa ammont ta' mitejn lira dwar kull impjegat, ikun jedd bi privilegg fuq l-attiv tal-principal u ghandu jithallas bi preferenza fuq kull jedd iehor sew jekk bi privilegg jew ipotekarju."*

Ghandu jsegwi illi kull impjegat sa massimu ta' mitejn lira (Lm200) huwa munit bi privilegg skond il-ligi.

**<u>Privileggi u Ipoteki</u>**

a) **<u>Lohombus Bank Limited</u>**

Illi mill-provi jirrizulta illi l-kreditu ta' dan il-kreditur origina minn kuntratt ta' self li sar fis-16 ta' Mejju 1989 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard ghas-somma ta' tletin elf lira (Lm30,000). Minn din is-somma, is-somma ta' Lm20,134 intuzat biex jithallsu krondituri li kellha dak iz-zmien Da Vinci Limited filwaqt li s-somma ta' Lm9,866 intuzat biex isir pagament favur zewg kredituri ohra cjoe' Francis Pace u Joseph Aquilina prevja surroga ta' drittijiet.

Illi dan id-dejn tal-Lohombus Bank gie kawtelat in forza ta' ipoteka generali, ipoteka specjali fuq ir-restaurant li jgib l-isem Da Vinci kif ukoll zewg appartamenti ohra internament markati tlieta (3),

erbgha (4) u hamsa (5) mill-blokk ta' ghaxar appartamenti li jgib in-numru 48, maghruf ukoll "Vienna Flats", f'Ball Street, Paceville, kif jirrizulta ahjar min-nota ipotekarja li ggib in-numru 8570/99 registrata fit-30 ta' Mejju 1989, esebita fl-atti a fol. 106.

Illi bis-sahha tal-istess att hawn fuq riferit, sar pagament minn Lohombus Corporation favur l-imsemmija Francis Pace u Joseph Aquilina fis-somma ta' Lm6,666.00 akkont tal-kapital u Lm3,220.00 a saldu tal-imghax dovut b'lura sas-17 ta' Frar 1989. Bhala konsegwenza ta' dan il-pagament l-istess kreditur Lohombus Bank giet surrogata fid-drittijiet tal-imsemmija Francis Pace u Joseph Aquilina naxxenti min-nota ipotekarja numru 3454/1988 prezentata fis-7 ta' Marzu 1988 li bis-sahha taghha huma kienu rriservaw favur taghhom il-privilegg specjali spettanti lilhom skond il-ligi peress illi kien ghad baqa' x'jithallas bilanc mill-prezz ta' bejgh tal-imsemmi blokk ta' appartamenti. Min-nota ta' riferenza numru 2122/1989 jirrizulta in fatti illi apparti s-surroga favur Lohombus Bank, saret kontestwalment riduzzjoni b'ammont ta' Lm6,666.00 u hallewha veljanti ghas-somma ta' Lm33,334.00 u lliberaw mill-effetti kollha taghha salv ghas-surroga moghtija l-flat internament markat bin-numru hamsa(5) filwaqt li thalliet integra l-istess nota fuq il-proprjeta' l-ohra.

Illi in fatti kopja legali tal-iskrizzjoni ta' dan il-privilegg specjali tinsab esebita fl-atti a fol. 176 ta' process fejn jirrizulta illi l-istess

privilegg kien qed jigi riservat fuq l-appartamenti numerati minn hamsa sa ghaxra, it-tnejn inkluzi kif ukoll fuq il-kamra tal-bejt u l-arja fuq l-istess blokk ta' appartamenti u fuq sitta minn ghaxra ($^{6}/_{10}$) tal-partijiet komuni.

Illi mill-kopja tar-ricerki li l-esponent akkwista relattivament ghas-socjeta' Da Vinci Limited, kopja annessa, jirrizulta illi in segwitu tal-privileggi hawn fuq imsemmi, kienu gew registrati zewg noti ipotekarji favur Lombard Bank Malta Limited u cjoe' I 5998/1998 fejn il-kreditu ta' Lm5,000 gie kawtelat permezz ta' ipoteka generali u ipoteka specjali fuq ir-restaurant "Da Vinci" u l-appartamenti numerati tlieta (3) u erbgha (4) u I 5999/88 fejn self ta' ghoxrin elf lira (Lm20,000) gie kawtelat permezz ta' ipoteka generali specjali fuq l-istess "restaurant" u zewg appartamenti tlieta (3) u erbgha (4). Skond ma jirrizulta minn zewg noti numerati 2125/1989 u 2126/1989, sar posponiment tad-drittijiet ipotekarji naxxenti favur Lombard Bank (Malta) Ltd. (5998/1988 u 5999/1988) in kwantu n-noti jolqtu l-flats sovrastanti r-restaurant u cjoe' numru tlieta (3) u erbgha (4) u dan favur id-drittijiet ipotekarji tal-Lohombus Bank naxxenti min-nota ipotekarja hawn fuq imsemmija 8570/89.

Illi a basi tal-premess ghalhekk jirrizulta illi l-kreditu ta' Lohombus Corporation Limited jiggradwa b'dan il-mod:-

| | | |
|---|---|---|
| Lm 9,866.00 | : | I 3454/1988 |
| Lm30,000.00 | : | I 8570/1988 |

Billi l-kreditu attwalment dovut lil Lohombus Bank Limited huwa ta' Lm43,202.65 salvi imghax ohra, huwa dan l-ammont li ghandu naturalment jigi pregradwat.

**b) <u>H.S.B.C. Bank Malta plc</u>**

Illi mill-provi processwali jirrizulta illi l-kreditu ta' dan il-kreditur jinsab insinwat permezz ta' s-segwenti iskrizzjonijiet ipotekarji:

Ipoteka Generali u Specjali Numru I 4552/91 (21.03.1991) ghas-somma ta' Lm20,000.

Ipoteka Generali, Ipoteka Specjali u Privilegg Specjali numru 4556/1991 (21.03.1991) ghas-somma ta' Lm125,000 u l-imghax relattiv. (vide Ref. 4313/95)

Ipoteka Generali u Ipoteka Specjali numru I 5540/1991 (8.4.1991) ghas-somma ta' Lm20,000.

Ipoteka Generali u Specjali Numru I 5251/1992 (27.03.1992) ghas-somma ta' Lm10,000.

Ipoteka Generali u Ipoteka Specjali I 5252/1992 (27.03.1992) ghas-somma ta' Lm20,000).

Ipoteka Generali u Specjali Numru I 1423/92 (26.06.1992) ghas-somma ta' Lm20,000.

U Ipoteka Generali Giudizzjali Numri I 2489/95 (2.08.1995) ghas-somma ta' Lm18,500).

Illi huwa rilevanti li wiehed jinnota illi skond ma jirrizulta mill-kuntratt tal-14 ta' Marzu 1991, is-somma illi l-Bank kien issominitstra lil Da Vinci Ltd. b'self fl-ammont ta' Lm125,000 kien thallas mill-istess Bank kif delegat lil numru ta' kredituri privileggjati jew ipotekarji u gie debitament surrogat. B'hekk jirrizulta illi saru s-segwenti pagamenti u cjoe':

- Lm29,082 lil Francis Pace u Joseph Aquilina a saldu tal-bilanc ta' prezz tal-proprjeta' in kwistjoni. Bis-sahha ta' dan il-pagament gew surrogati fid-drittijiet naxxenti mill-iskrizzjoni ipotekarja li ggib in-numru 3454/1988;

- Lm10,085.65,8 lil Bank of Vallett plc a saldu ta' ammont dovut rapprezentanti self u imghax koncess bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Attard tas-26 ta' Gunju 1990 u kawtelat b'ipoteka generali u ipoteka specjali

numru I 12228/1990. In oltre jirrizulta li l-istess Bank of Valletta issurroga ulterjorment lil HSBC Bank Malta Limited, gja' Mid-Med Bank Limited fid-drittijiet naxxenti mill-ipoteka numru I 3454/1988 kif jirrizulta mir-riferenza numru 3458/1990.

- Lm16,553.90,9 lil Lombard Bank (Malta) Limited a saldu tal-ammonti dovuti lil dan il-Bank u b'surroga fid-drittijiet naxxenti rispettivament mill-ipoteki numri I 5998/1988 u I 17167/1989;

- Lm36,352.72 lil Lombard Bank Malta Limited a saldu u b'surroga fid-drittijiet naxxenti mill-iskrizzjonijiet ipotekarji li jgibu n-numru 5999/1988 u 17166/1989.

Illi mill-premess ghallhekk ghandu jirrizulta illi HSBC Bank Malta plc ghandu s-segwenti ammonti mill-kreditu tieghu kawtelat u privilegjat kif ser jinghad u cjoe:-

| | | |
|---|---|---|
| Lm 29,082.00 | : | I 3454/1988 |
| Lm 10,085.65 | : | I12228/1990; I 3454/88 |
| Lm 16,553.00 | : | I 5998/88; I 17167/89 |
| Lm 36,352.72 | : | I 5999/88; I 17166/89 |
| Lm 20,000.00 | : | I 4552/1991 |
| Lm125,000.00 | : | I 4556/1991 |

| | | |
|---|---|---|
| Lm 20,000.00 | : | I 5540/1991 |
| Lm 10,000.00 | : | I 5251/1992 |
| Lm 20,000.00 | : | I 5252/1992 |
| Lm 20,000.00 | : | I 11423/1992 |
| Lm 18,500.00 | : | I 12489/1995 |

Illi ghall-iskopijiet ta' gradwazzjoni, ghandu jigi specifikat illi l-ipoteka bin-numru 11423/1992 tippregradwa dik bin-numru I 8009/1992 favur Muscat Construction Company Limited kif jirrizulta min-Nota ta' Riferenza numru 3279/1992 esebita a fol. 293. In oltre l-ahhar ipoteka hawn fuq elenkata u cjoe' I 12489/1995 m'hijiex ser tigi konsidrata ghaliex hija posterjuri ghal ipoteki ohra. Infatti kif ser jirrizulta fil-parti li jmiss f'din ir-relazzjoni, l-ipoteka li ssegwi kronologikament hija dik favur il-Bank of Valletta plc li ggib in-numru ta' I 11775/1992. B'danakollu pero' ghandu jirrizulta illi HSBC Bank Malta plc ghandu ammont ta' Lm307,072.00 salv imghax ulterjuri li huwa privilegjat u / jew ipotekat skond il-kaz bis-sahha tal-iskrizzjonijiet imsemmija mill-1988 sal-1992.

**c) <u>Blue Sky Furniture Limited</u>**

Illi l-ammont reklamat minn dan il-kreditur jirraprezenta bilanc minn somma akbar prezz a' ghamara li giet debitament

konsenjata fil-lukanda Da Vinci. Jirrizulta skond ix-xhiedamoghtija minn Charles Attard fis-seduta tal-14 ta' Jannar 1998 (fol. 274) illi l-ghamara in kwistjoni inbieghet flimkien mal-lukanda. Konsegwentement dan il-kreditur qieghed jivvanta l-privilegg kontemplat fl-artiklu 2009 (d) tal-Kodici Civili li jipprovdi ghal privilegg specjali fuq hwejjeg mobili ghal inter alia kreditu ghal prezz ta' haga sew jekk il-bejgh ikun sar bi zmien ghall-hlas kemm minghajr zmien. Il-privilegg specjali fuq hwejjeg mobbli m'huwiex soggett ghall-iskrizzjoni (art. 2032 Kodici Civili) u f'kull kaz privilegg jippregradwa kreditu ipotekarju (ar. 1999 Kodici Civili). Bis-sahha tal-artiklu 2091, il-krediti privilegjati bis-sahha tal-artikli 2003, 2009 u 2010 jiggradaw skond l-ordni li fiha l-istess privileggi gew imqeghda fl-istess artikli.

Illi fic-cirkostanzi attwali, ghalkemm il-privilegg invokat mill-kreditur in kwistjoni jirrigwarda hwejjeg mobbli filwaqt li s-subbasta li saret kienet tal-lukanda minghajr ebda kwalifika l-esponent xorta jhoss illi galadarba il-lukanda nbieghet bl-intier inkluz l-ghamara, jkun ingust li dan il-privilegg ma jigix applikat, altrimenti bil-mod kif saret is-subbasta jista' jigi argumentat illi d-drittijiet tal-kredituri li ghandhom privilegg fuq hwejjeg mobili gew elusi. Konsegwentement l-esponent huwa tal-fehma illi l-kreditu tal-Blue Sky Furniture Limited ghandu jitqies bhala privileggjat ai termini tal-artiklu 2009 (d) tal-Kodici Civili.

**d) <u>Kredituri ohrajn</u>**

Illi f'dan l-istadju ghandu jirrizulta b'mod car illi l-ammonti dovuti lill-kredituri li gew diskussi sa issa f'din ir-relazzjoni gja jeccedu l-ammont li hemm depozitat il-Qorti u li jifforma l-mertu ta' dan il-konkors. B'hekk hemm kredituri ipotekarji ohra il-Bank of Valletta plc li gja issemma, Muscat Constructions Ltd. u Medairco Limited, liema kredituri pero' ma jistghu jottjenu ebda hlas mill ammont depozitat.

Ghal kumplament jigi rilevat illi l-kredituri l-ohra ammessi u cjoe' Maltacom plc, Stivala Wines & Spirits Ltd., Stivala Distributors Ltd., huma kredituri ordinarji b'ebda privilegg jew preferenza skond il-ligi.

**<u>Spejjez Giudizzjarji</u>**

Ghalkemm mhux espressament mitluba, l-esponent jixtieq jissenjala biss dak li jipprovdi l-artiklu 2003 tal-Kodici Civili minn fejn jirrizulta illi l-ispejjez giudizzjarji huma muniti bil-privilegg generali u kwindi jikkonkorru qabel. Konsegwentement il-lista ta' krediti li ser jigu gradwati hawn ghandhom jigu subordinati ghall-ispejjez giudizzjarji dovuti lir-Registratur tal-Qorti u kwindi jista' jkun hemm xi aggiustamenti

finali li jkun hemm bzonn isiru wara li jigu intaxxati d-drittijiet tar-Registratur tal-Qorti u dawk tal-esponent.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md

**Citazzjoni Numru: 6/95 JF**